KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.8.2007
KUMM(2007) 463 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' protokoll addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Żewġ Stati Membri ġodda ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. Bis-saħħa ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att relattiv għas-sħubija tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u ta' l-adattar tat-Trattati li fuqhom hi bbażata l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Att ta' l-Adeżjoni"), l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda mal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (TCDA) mar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel għandha tiġi approvata bil-konklużjoni ta' Protokoll ma' dan il-Ftehim. L-Artikolu 6(2) jistabbilixxi proċedura simplifikata li bis-saħħa tagħha l-Protokolli jiġu konklużi mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li jieħu deċiżjoni b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri u l-pajjiż terz konċernat. Din il-proċedura hija mingħajr ħsara għall-kompetenzi proprji tal-Komunità.

Għalhekk il-Kummissjoni nnegozjat dan il-Protokoll addizzjonali f'isem il-Komunità Ewropea għall-parti tal-KE u f'isem l-Istati Membri għall-parti tal-kompetenza nazzjonali skond id-direttivi tan-negozjati approvati mill-Kunsill fit-23 ta' Ottubru 2006 u wara konsultazzjoni ma' kumitat magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

Il-Protokoll addizzjonali jiddefinixxi l-adattar tekniku li għandu jsir fit-TDCA wara l-adeżjoni tal-partijiet kontraenti l-ġodda, b'mod speċjali fl-oqsma li ġejjin:

– dispożizzjonijiet istituzzjonali: il-Protokoll jinkludi numru ta' aġġustamenti neċessarji minħabba l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda f'dan il-Ftehim Konġunt u minħabba ż-żieda fin-numru tal-lingwi uffiċjali;

– regoli ta' l-oriġini : id-dispożizzjonijiet b'diversi lingwi tal-Protokoll 1 tat-TDCA dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva tlestew bil-lingwi ta' l-Istati Membri l-ġodda.

Kif ġie indikat hawn fuq, il-Protokoll ġie nnegozjat u approvat mar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel.

Il-proposta kurrenti hija għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' protokoll addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod speċjali l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2006, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TDCA") bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra ġie ffirmat fi Pretorja fil-11 ta' Ottubru 1999. Dan ġie konkluż fis-26 ta' April 2004[1].

(2) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Trattat ta' l-Adeżjoni") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fit-25 ta' April 2005.

(3) Fis-23 ta' Ottubru 2006 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex tinnegozja mar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni biex tittieħed in kunsiderazzjoni s-sħubija taż-żewġ Stati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea,

(4) Dawn in-negozjati ġew konklużi għas-sodisfazzjoni tal-Kummissjoni.

(5) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu fi stadju aktar avvanzat, il-Protokoll Addizzjonali issa għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Protokoll Addizzjonali għandu japplika fuq bażi provviżorja, sat-tlestija tal-proċeduri relevanti għall-konklużjoni formali tiegħu.

---

[1] ĠU L 127, 29.4.2004, p.109

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jinnomina l-persuna/i li jkollhom il-poter jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra, biex tittieħed in kunsiderazzjoni s-sħubija tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom japplikaw b'mod provviżorju t-termini tal-Protokoll Addizzjonali, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

Protokoll Addizzjonali
tal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp
u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea
u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel, min-naħa l-oħra,
sabiex tittieħed in kunsiderazzjoni l-adeżjoni
tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija
ma' l-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TA' L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħa “Stati Membri”, irrappreżentati mill-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea,

u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

(minn hawn 'il quddiem imsejħa “il-Komunità”),

u

IR-REPUBBLIKA TA' L-AFRIKA TA' ISFEL,

(minn hawn 'il quddiem imsejħa b’mod konġunt “il-partijiet kontraenti”)

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika ta’ l-Afrika ta’ Isfel min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “TDCA”), ġie ffirmat fi Pretorja fil-11 ta’ Ottubru 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2004;

WARA LI KKUNSIDRAW li t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “it-Trattat ta' l-Adeżjoni”), ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007;

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Artikolu 6(2) tat-Trattat ta’ l-Adeżjoni ta' l-2006, l-adeżjoni tal-partijiet kontraenti l-ġodda mat-TDCA għandha tiġi miftiehma bil-konklużjoni ta’ Protokoll tat-TDCA,

FTEHMU DAN LI ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-Istati Membri l-ġodda") b'dan isiru Partijiet Kontraenti għat-TDCA u għandhom, bl-istess manjiera bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, rispettivament jadottaw u jieħdu nota tat-testi tal-Ftehim, u ta' l-Annessi, il-Protokolli u d-Dikjarazzjonijiet mehmuża miegħu.

KAPITOLU I

EMENDI GĦAT-TEST TAT-TDCA,

INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU

ARTIKOLU 2

Lingwi u numru ta’ testi oriġinali

L-Artikolu 108 tat-TDCA hu sostitwit bit-test li ġej:

"ARTIKOLU 108

Dan il-Ftehim hu miktub f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovena, Spanjola u Żvediża u bil-lingwi uffiċjali tar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel, minbarra l-Ingliż, jiġifieri bis-Sepedi, is-Sesotho, is-Setswana, is-siSwati, it-Tshivenda, ix-Xitsonga, l-Afrikaans, l-isiNdebele, l-isiXhosa u l-isiZulu, u dawn it-testi huma kollha awtentiċi ndaqs.".

ARTIKOLU 3

Regoli ta' l-Oriġini

Il-Protokoll 1 tat-TDCA għandu jiġi emendat kif ġej:

1) L-Artikolu16(4) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. Iċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament għandhom ikunu mmarkati b'waħda minn dawn il-frażijiet li ġejjin:

BG "ИЗДАДЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ"

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNĚ"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

RO "EMIS A POSTERIORI"

SL "IZDANO NAKNADNO"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND";

2) L-Artikolu 17(2) għandu jkun sostitwit b'li ġej:

"2. Id-duplikat maħruġ b'dan il-mod għandu jkun immarkat b'waħda mill-kelmiet li ġejjin:

BG ДУБЛИКАТ"

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

RO "DUPLICAT"

SL "DVOJNIK"

SK "DUPLIKÁT"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"";

3) L-Anness IV għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"ANNESS IV
DIKJARAZZJONI TAL-FATTURA

Din id-dikjarazzjoni tal-fattura, li t-test tagħha huwa mogħti hawn isfel, għandha ssir skond in-noti f'qieħ il-paġna. Madankollu, in-noti f'qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn jiġu riprodotti.

Verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … (1)) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с … преференциален произход (2).

Verżjoni bl-Ispanjol

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera n° .. …[(1)].) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial . …[(2)].

Verżjoni biċ-Ċek

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení …[(1)]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v …[(2)].

Verżjoni bid-Daniż

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. ...[(1)]), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ...[(2)].

Verżjoni bil-Ġermaniż

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. ...[(1)]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte ...[(2)] Ursprungswaren sind.

Verżjoni bl-Estonu

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. ...[(1)]) deklareerib, et need tooted on ...[(2)] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni bil-Grieg

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ΄αριθ. ...[1]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ...[2].

Verżjoni bl-Ingliż

The exporter of the products covered by this document (customs authorisation No ...[1]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ...[2] preferential origin.

Verżjoni bil-Franċiż

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° ...[1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... [2]).

Verżjoni bit-Taljan

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. ...[1]) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ...[2].

Verżjoni bil-Latvjan

To produktu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas atļauja Nr. …[1]), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir preferenciāla izcelsme no …[2].

Verżjoni bil-Litwan

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr …[1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra …[2] preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni bl-Ungeriż

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: …[1]) kijelentem, hogy eltérő jelzés hianyában az áruk kedvezményes …[2] származásúak.

Verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. …[1]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali …[2].

Verżjoni bl-Olandiż

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. ...[1]), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn [2].

Verżjoni bil-Pollakk

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr …[1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają …[2] preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni bil-Portugiż

O abaixo-assinado, exportador dos produtos abrangidos pelo presente documento (autorização aduaneira n°. ...[1]), declara que, salvo indicação expressa em contrário, estes produtos são de origem preferencial ...[2].

Verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor ce fac ojiectul acestui document (autorizația vamalâ nr. …(1)) declará cá, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențialā …(2).

Verżjoni bis-Sloven

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št …[1]) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno …(2) poreklo.

Verżjoni bis-Slovakk

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia …[1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v …[2].

Verżjoni bil-Finlandiż

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o ...[1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita [2].

Verżjoni bl-Isvediż

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. ...[1]) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ... ursprung [2].

Verżjonijiet Sud-Afrikani

Bagwebi ba go romela ntle ditöweletöwa töeo di akaretöwago ke tokumente ye (Nomoro ya ditöwantle ya tumelelo...(1)) ba ipolela gore ntle le moo go laeditöwego, ditöweletöwa töe ke töa go töwa (2) ka tlhago.

Moromelli wa sehlahiswa ya sirelеditsweng ke tokomane ena (tumello ya thepa naheng No ...(1)) e hlalosa hore, ka ntle ha eba ho hlalositswe ka tsela e nngwe ka nepo, dihlahiswa tsena ke tsa ... tshimoloho e kgethilweng (2).

Moromelantle wa dikuno tse di tlhagelelang mo lokwalong le (lokwalo lwa tumelelo ya kgethiso No ...(1)) o tlhomamisa gore, ntle le fa go tlhagisitsweng ka mokgwa mongwe, dikuno tse ke tsa ... dinaga tse di thokegang (2).

Umtfumeli ngaphandle walemikhicito lebalwe kulomculu (ngeligunya lalokutfunyelwa ngaphandle Nombolo ...(1)) lophakamisa kutsi, ngaphandle kwalapho lekuboniswe khona ngalokucacile, lemikhicito ...ngeyendzabuko lebonelelwako (2).

Muvhambadzi wa zwibveledzwa mashangoni a nnda, (zwibveledzwa) zwine zwa vha zwo ambiwaho kha ili linwalo (linwalo la u nea maanda la mithelo ya zwitundwannda kana

zwirumelwannda la vhu ...(1)), li khou buletshedza uri, nga nnda ha musi zwo ambiwa nga inwe ndila-vho, zwibveledzwa hezwi ndi zwa ... vhubwo hune ha khou funeseswa kana u takaleleswa (2).

Muxavisela-vambe wa swikumiwa leswi nga eka tsalwa leri (Xibalo xa switundziwa xa Nomboro ...(1)) u boxa leswaku, handle ka laha swi kombisiweke, swikumiwa leswi i swa ntiyiso swa xilaveko xa le henhla swinene (2).

Die uitvoerder van die produkte gedek deur hierdie dokument (doeanemagtiging No ...(1)) verklaar dat, uitgesonderd waar andersins duidelik aangedui, hierdie produkte van ... voorkeuroorsprong (2) is.

Umthumelli-phandle wemikhiqizo ebalwe kilencwadi (inomboro ...(1) egunyaza imikhiqizo ephumako) ubeka uthi, ngaphandle kobana kutjengiswe ngendlela ethileko butjhatjhalazi, lemikhiqizo ine ... mwelaphi enconyiswako (2).

Umthumeli weempahla ngaphandle kwelizwe wemveliso equkwa lolu xwebhu (iirhafu zempahla zesigunyaziso Nombolo ...(1)) ubhengeza ukuthi, ngaphandle kwalapho kuboniswe ngokucacileyo, ezi mveliso ... zezemvelaphi eyamkelekileyo kunezinye (2).

Umthumeli wempahla ebhaliwe kulo mqulu iNombolo ... yokugunyaza yentela yempahla ...(1) uyamemezela ukuthi, ngaphandle kokuthi kukhonjisiwe ngokusobala, le mikhiqizo iqhamuka ... endaweni ekhethekileyo (2).

…….[3]

(Post u data)

…….[4]

(Il-firma ta' l-esportatur; u minbarra dan, l-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat u miktub ċar)

[1] Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura timtela' minn esportatur approvat fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 20 tal-Protokoll, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jitniżżel f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma timteliex minn esportatur approvat, il-kliem fil-parenteżi jitħallew barra jew l-ispażju jitħalla vojt.

[2] L-oriġini tal-prodotti għandha tkun indikata. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura hija kollha jew parzjalment dwar il-prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fl-ambitu tat-tifisra ta' l-Artikolu 36 tal-Protokoll, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

[3] Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument innifsu.

[4] Ara l-Artikolu 19(5) tal-Protokoll. F'każijiet fejn l-esportatur m'għandux għalfejn jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll eżenzjoni mill-isem tal-firmatarju.".

KAPITOLU II
DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

ARTIKOLU 4

Merkanzija fi tranżitu jew f'maħżen temporanju

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jistgħu jiġu applikati għall-merkanzija esportata jew mill-Afrika ta' Isfel lejn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew minn wieħed minn dawn lejn l-Afrika ta' Isfel li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 tat-TDCA u li, fid-data ta' l-adeżjoni, jkunu jinsabu fi tranżitu jew f'maħżen temporanju, f'maħżen doganali jew f'żona franka fl-Afrika ta' Isfel jew fl-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat.

2. Trattament preferenzjali jista' jingħata f'każijiet bħal dawn, soġġett għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta, fi żmien erba' xhur mid-data ta' adeżjoni, ta' prova ta' oriġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jesporta.

KAPITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

ARTIKOLU 5

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mit-TDCA.

ARTIKOLU 6

1. Dan il-Protokoll hu approvat mill-Komunità, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u mir-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel, skond il-proċeduri tagħhom.

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri relevanti li jirreferi għalihom il-paragrafu preċedenti. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

ARTIKOLU 7

1. Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

2. Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2007.

ARTIKOLU 8

Dan il-Ftehim hu miktub f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovena, Spanjola u Żvediża u bil-lingwi uffiċjali tar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel,

minbarra l-Ingliż, jiġifieri bis-Sepedi, is-Sesotho, is-Setswana, is-siSwati, it-Tshivenda, ix-Xitsonga, l-Afrikaans, l-isiNdebele, l-isiXhosa u l-isiZulu, u dawn it-testi huma kollha awtentiċi indaqs.

Magħmul fi Pretorja,

Għall-Istati Membri

Għall-Komunità Ewropea

Għar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel

RENDIKONT FINANZJARJU LEĠIŻLATTIV

Qasam/oqsma ta' politika: 21 DEV

Attività: 21 06 02 Kooperazzjoni Ġeografika

TITLU TA' L-AZZJONI:

1. IL-LINJA/LINJI TAL-BAĠIT + INTESTATURA/INTESTATURI

Xejn

2. ĊIFRI GLOBALI

2.1. Allokazzjoni totali għall-azzjoni (Parti B): M/A

2.2. Perjodu ta' l-applikazzjoni:

Mill-1 ta' Jannar 2007

2.3. Stima multi-annwali globali ta' l-infiq:

(a) Skeda ta' approprjazzjonijiet għall-impenji/approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (intervent finanzjarju) *(ara l-punt 6.1.1)*

€ miljuni *(sa tliet punti deċimali)*

	Is-sena 2003	2004	2005	2006	2007	2008 u snin susseg wenti	Total
Impenji	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
Ħlasijiet	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

(b) Għajnuna teknika u amministrattiva u nefqa ta' appoġġ *(ara l-punt 6.1.2)*

Impenji	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
Ħlasijiet	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

Total parzjali a+b							
Impenji	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	15.0
Ħlasijiet	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

(c) Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani u nfiq amministrattiv ieħor *(ara l-punti 7.2 u 7.3.)*

Impenji/ħlasijiet	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

TOTAL a+b+c							
Impenji	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
Ħlasijiet	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

2.4. Kompatibilità ma' l-ipprogrammar finanzjarju u l-perspettiva finanzjarja

[X] Il-proposta hija kompatibbli ma’ l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

Il-proposta se tinvolvi programmar mill-ġdid ta’ l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

Il-proposta tista' tinvolvi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali.

2.5. Impatt finanzjarju fuq id-dħul:[2]

[X] Il-proposta m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji (tinvolvi aspetti tekniċi dwar l-implimentazzjoni ta' miżura)

JEW

Il-Proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

(NB Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha dwar il-metodu tal-kalkolu ta' l-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.)

(€ miljuni sa punt deċimali wieħed)

[2] Għal aktar tagħrif, ara n-nota separata ta' spjegazzjoni.

		Qabel l-azzjoni	Il-qagħda wara l-azzjoni					
Linja tal-Baġit	Dħul	[Sena n-1]	[Year n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5]
	a) Dħul f'termini assoluti		0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
	b) Bidla fid-dħul	*Δ*	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tal-baġit involuta, u żid in-numru xieraq tar-ringieli mat-tabella jekk ikun hemm effett fuq aktar minn linja tal-baġit waħda.)

3. KARATTERISTIĊI BAĠITARJI

Tip ta' nfiq:		**Ġdid**	**Kontribuzzjoni ta' l-EFTA**	**Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti**	**Intestatura fil-perspettiva finanzjarja**
Mhux-Komp	Diff.	LE	LE	LE	**Nru** [4]

4. BAŻI LEGALI

Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel min-naħa l-oħra,

Trattat ta' l-Adeżjoni taż-żewġ Stati Membri l-ġodda mal-Komunità.

5. DESKRIZZJONI U RAĠUNIJIET

5.1. Ħtieġa għall-intervent tal-Komunità[3]

5.1.1. Għanijiet

L-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-Ġodda mal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (TDCA) mar-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel permezz tal-konklużjoni ta' protokoll ta' dan il-Ftehim.

5.1.2. Miżuri meħuda fir-rigward tal-valutazzjoni *ex ante*

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni *ex ante* speċifika

5.1.3. Miżuri meħuda wara valutazzjoni *ex ante*

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni *ex ante* speċifika.

[3] Għal aktar tagħrif, ara n-nota separata ta' spjegazzjoni.

5.2. Azzjoni prevista u arranġamenti ta' l-intervent bażitarju

5.3. Metodi ta' implimentazzjoni

Il-metodi ta' implimentazzjoni se jkunu konsistenti mar-regoli ġenerali ta' l-implimentazzjoni tad-TDCA.

6. IMPATT FINANZJARJU

6.1. L-impatt finanzjarju totali fuq il-Parti B – (fuq il-perjodu kollu ta' l-ipprogrammar)

(Il-metodu tal-kalkolu ta' l-ammonti totali ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt għandu jiġi spjegat fl-analiżi segmentali fit-Tabella 6.2.)

6.1.1. Intervent finanzjarju

L-ebda interventi finanzjarji m'huma previsti.

Impenji (f'€ miljuni sa tliet punti deċimali)

Analiżi segmentali	2003	2004	2005	2006	2007	[n+5 u Snin sussegwenti]	Total
L-ebda azzjonijiet ippjanati :	0.00	0.00	0.00	0.00	0.00		
TOTAL							

6.1.2. Għajnuna teknika u amministrativa, infiq ta' appoġġ u nfiq fuq l-IT (approprjazzjonijiet għall-impenji)

	[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5 u snin sussegwenti]	Total
1) Assistenza teknika u amministrattiva							
a) Uffiċċji ta' l-assistenza teknika							

b) Assistenza oħra teknika u amministrattiva: - intra muros: - extra muros: *li minnhom għall-kostruzzjoni u l-manteniment tas-sistemi tal-ġestjoni kkompjuterizzati*							
Total parzjali 1							
2) Nefqa ta' appoġġ							
a) Studji							
b) Laqgħat ta' esperti							
c) Tagħrif u pubblikazzjonijiet							
Total parzjali 2							
TOTAL							

6.2. Kalkolu ta' l-ispejjeż għal kull miżura previsti fil-Parti B (fuq il-perjodu kollu ta' l-ipprogrammar)[4]

L-azzjonijiet u l-miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati se jiġu definiti mill-istudju ta' fattibilità.

Impenji (f'€ miljuni sa tliet punti deċimali)

Analiżi segmentali	Tipi ta' riżultati (proġetti, fajls)	Numru ta' riżultati (total għas-snin 1…n)	Spiża medja għal kull unità	Spiża totali (total għas-snin 1…n)
	1	2	3	4=(2X3)

[4] Għal aktar tagħrif, ara n-nota separata ta' spjegazzjoni.

Azzjoni 1 - *Miżura 1* - *Miżura 2* Azzjoni 2 - *Miżura 1* - *Miżura 2* - *Miżura 3* *eċċ.*
SPIŻA TOTALI

Jekk meħtieġ, spjega l-metodu tal-kalkolu

7. IMPATT FUQ IN-NEFQA FUQ L-ISTAFF U DIK AMMINISTRATTIVA

M'hu mistenni l-ebda impatt fuq in-nefqa fuq l-istaff u dik amministrattiva.

7.1. Impatt fuq ir-riżorsi umani

Tipi ta' pożizzjonijiet		Staff li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali		Total	Deskrizzjoni ta' l-inkarigi mnissla mill-azzjoni
		Numru ta' postijiet permanenti	Numru ta' postijiet temporanji		
Uffiċjali jew persunal temporanju	A B C				*Jekk meħtieġ, tista' tiġi mehmuża desrizzjoni aktar sħiħa ta' l-inkarigi.*
Riżorsi umani oħra					
Total					

7.2. Impatt finanzjarju globali tar-riżorsi umani

Tip ta' riżorsi umani	Ammonti (€)	Metodu tal-kalkolu *
Uffiċjali Staff temporanju		
Riżorsi umani oħra (speċifika l-linja tal-baġit)		

Total		

L-ammonti huma n-nefqa totali għal tnax-il xahar.

7.3. Nefqa amministrattiva oħra li tirriżulta mill-azzjoni

Linja tal-Baġit (numru u intestatura)	Ammont (€)	Metodu tal-kalkolu
Allokazzjoni globali (Titolu A7) A0701 – Missjonijiet A07030 – Laqgħat A07031 – Kumitati obbligatorji [1] A07032 – Kumitati mhux obbligatorji [1] A07040 – Konferenzi A0705 – Studji u konsultazzjonijiet Nefqa oħra (speċifika)		
Sistemi ta' informazzjoni (A-5001/A-4300)		
Nefqa oħra – Parti A (speċifika)		
Total		

L-ammonti huma n-nefqa totali għal tnax-il xahar.

[1] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.

I.	Total annwali (7.2 + 7.3)	€
II.	Tul ta' l-azzjoni	snin
III.	Nefqa totali fuq l-azzjoni (I x II)	€

(Fl-istima tar-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa għall-azzjoni, id-DĠ/Servizzi għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fid-dibattitu orjentament/APS tagħha u meta tadotta l-abbozz preliminari tal-baġit (PDB). Dan ifisser li d-DĠ jridu juru li r-riżorsi umani jistgħu jiġu rkuprati mill-preallokazzjoni indikattiva magħmula meta ġie adottat il-PDB.

Każijiet eċċezzjonali (jiġifieri dawk fejn l-azzjoni kkonċernata ma setgħetx tiġi prevista meta kien qed jitħejja l-PDB) jkollhom jiġu riferuti lill-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar jekk u kif (permezz ta' emenda għall-preallokazzjoni indikattiva, eżerċizzju ad hoc ta' riallokazzjoni, baġit supplementari/ta' emenda jew ittra ta' emenda għall-abbozz tal-baġit) l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni proposta tista' tiġi akkomodata.

8. *FOLLOW-UP* U VALUTAZZJONI

8.1. Arranġamenti dwar *follow-up*

L-arranġamenti dwar *follow-u*p ma jkunux differenti minn dawk diġà ppjanati fit-TDCA.

8.2. Arranġamenti u skeda għall-valutazzjoni ppjanata

L-arranġamenti għall-valutazzjoni ma jkunux differenti minn dawk diġà ppjanati fit-TDCA.

9 MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-miżuri ta' prevenzjoni tal-frodi u ta' ħarsien kontriha ma jkunux differenti minn dawk diġà ppjanati fit-TDCA.